

Brussell, 8 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr)

9874/22

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0213(CNS)**

---

---

**FISC 127  
ECOFIN 577  
ENER 273  
ENV 567  
CLIMA 262**

**NOTA PUNT "A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirristruttura l-qafas tal-Unjoni għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni) - Rapport ta' progress

---

Ir-rapport ta' progress li jinsab fl-Anness għal din in-nota jippreżenta l-fehmiet tal-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali u l-progress li sar fl-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq fl-ewwel nofs tal-2022.

Wara l-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tat-8 ta' Ġunju, il-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress tal-Presidenza li jinsab fl-Anness għal din in-nota, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

## **I. INTRODUZZJONI**

1. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirristruttura l-qafas tal-Unjoni għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni)<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem "il-proposta tal-ETD").
2. Il-proposta tal-ETD hija parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"², li għandu l-għan li jimplimenta l-miri ambizzjużi tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'tal-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Dan il-pakkett ta' miżuri jikkonsisti minn sett ta' proposti interdipendenti, li lkoll għandhom l-għan li jiksbu l-istess objettiv: l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta, kompetittiva u ekoloġika sal-2030 u lil hinn. Il-pakkett ikopri firxa ta' oqsma ta' politika u setturi ekonomiċi: il-klima, l-enerġija u l-karburanti, it-trasport, il-bini, l-użu tal-art u s-silvikultura.
3. Il-proposta tal-ETD għandha l-għan li tilħaq l-objettivi li ġejjin:
  - a) tipprovdi qafas xieraq li jippermetti kontribut għall-ilħuq tal-miri tal-Unjoni sal-2030 u għan-newtralità klimatika sal-2050 fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan jinvolvi l-allinjament tat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku mal-politiki tal-UE dwar l-enerġija, l-ambjent u l-klima u b'hekk jikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet;
  - b) tipprovdi qafas li jippreserva u jtejjeb is-suq intern tal-UE billi taġġorna l-ambitu tal-prodotti tal-enerġija li huma taxxabli u l-istruttura tar-rati u billi tirrazzjonalizza l-użu tal-eżenzjonijiet u t-tnaqqis tat-taxxa mill-Istati Membri; u
  - c) tippreserva l-kapaċità li jiġi ġġenerat dħul għall-baġits tal-Istati Membri.

---

<sup>1</sup> 10872/21.

<sup>2</sup> 10849/21.

4. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dawn l-objettivi jinkisbu permezz ta' tranżizzjoni minn tassazzjoni bbażata fuq il-volum għal tassazzjoni bbażata fuq il-kontenut ta' enerġija, billi tiġi stabbilita klassifikazzjoni tar-rati skont il-prestazzjoni ambjentali tagħhom u billi jiġu limitati l-inċentivi għall-użu tal-fjuwils fossili. Skont din il-klassifikazzjoni, il-fjuwils fossili konvenzjonali, bħaż-żejt tal-gass u l-petrol ser jiġu ntaxxati bl-ogħla rata u l-elettriku bl-aktar rata baxxa.
5. Fil-11 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat rapport<sup>3</sup> dwar l-evalwazzjoni tal-ETD, fejn enfasizzat li r-regoli attwali ma jikkontribwixxux għall-qafas regolatorju l-ġdid u għall-objettivi ta' politika tal-UE fil-qasam tal-klima u l-enerġija. Fil-5 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill ECOFIN approva konklużjonijiet dwar il-qafas tal-UE dwar it-tassazzjoni tal-enerġija<sup>4</sup>, filwaqt li enfasizza r-rwol importanti tal-armonizzazzjoni tat-tassazzjoni tal-enerġija permezz tal-ETD biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-Kunsill appoġġa wkoll aġġornament tal-qafas legali tat-tassazzjoni tal-enerġija li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi usa' tal-politika ekonomika u ambjentali tal-UE. Il-konklużjonijiet stiednu lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposti jiġu vvalutati b'mod sħiħ f'termini tal-ispejjeż u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħhom. Bi tħejjija għall-proposta tal-ETD, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika<sup>5</sup>.

---

<sup>3</sup> 12153/19.

<sup>4</sup> 14608/19.

<sup>5</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12227-Revision-of-the-Energy-Tax-Directive-/public-consultation\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12227-Revision-of-the-Energy-Tax-Directive-/public-consultation_mt)

## II. SITWAZZJONI ATTWALI

6. Fl-20 u l-21 ta' Lulju 2021, fil-laqgħa informali tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) (HLWP), li kien iddedikat għal "Sfidi futuri fil-qasam tat-tassazzjoni", id-delegazzjonijiet setgħu diġà jesprimu l-fehmiet preliminari tagħhom dwar ir-rwol tat-tassazzjoni fit-tranżizzjoni ekoloġika matul is-sessjoni ta' ħidma "Aspetti ta' tassazzjoni tal-Patt Ekoloġiku". Fit-22 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tal-ETD lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2).
7. Id-diskussjonijiet tekniċi fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta – Dazji tas-sisa/Tassazzjoni tal-enerġija) tnedew fid-9 ta' Settembru 2021. F'din il-laqgħa, il-Kummissjoni ppreżentat kemm il-proposta kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt.
8. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli tat-23 ta' Settembru 2021, il-Presidenza Slovena infurmat lid-delegazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni attwali, il-ħidma ppjanata u l-intenzjoni tagħha li tikseb l-akbar progress possibbli dwar dan il-fajl matul il-mandat tagħha.
9. L-eżami tekniku tal-proposta fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa kompli fis-6 ta' Ottubru, l-20 ta' Ottubru, il-15 ta' Novembru u l-24 ta' Novembru 2021 b'analiżi ta' artikolu b'artikolu. L-ewwel ċiklu ta' analiżi tal-artikoli kollha tlesta fl-24 ta' Novembru 2021.
10. Saru għadd ta' mistoqsijiet dwar diversi aspetti tal-proposta, b'mod partikolari t-tranżizzjoni minn tassazzjoni bbażata fuq il-volum għal dik ibbażata fuq il-kontenut ta' enerġija, l-introduzzjoni ta' klassifikazzjoni tar-rati skont il-prestazzjoni ambjentali, it-tassazzjoni ta' prodotti ġodda, l-indiċjar tar-rati minimi, it-trattament tas-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu kif ukoll ir-rabtiet ma' fajls oħra tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".

11. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-25 ta' Novembru 2021, il-Presidenza Slovena infurmat lid-delegazzjonijiet bir-riżultati tal-ħidma u l-progress fir-rigward tal-fajl, anki fil-kuntest tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Fis-7 ta' Diċembru 2021, bħala punt "A", il-Kunsill ECOFIN ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-progress rigward il-proposti tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" li ġew ittrattati mill-Kunsill ECOFIN, inkluż il-proposta tal-ETD.<sup>6</sup>
12. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) tas-6 ta' Jannar 2022, il-Presidenza Franċiża kkonfermat l-impenn tagħha li tmexxi 'l quddiem dan il-fajl importanti bil-għan li tiżgura fehim komuni tad-dispożizzjonijiet tekniċi tal-abbozz tat-test u l-effetti tagħhom fuq it-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa taħt il-Presidenza Franċiża saru fl-10 ta' Jannar, il-11 ta' Frar, l-10 ta' Marzu, it-8 ta' April, it-2 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2022.
13. L-analiżi kopriet il-proposta kollha kemm hi, li ġiet trattata f'erba' blokok: 1) il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti taxxabbli u l-approċċ għall-kontenut ta' enerġija, l-istruttura tar-rati fi tmiem il-perjodu tranżitorju, l-enerġija rinnovabbli; 2) il-livelli minimi ta' tassazzjoni u l-kontenut tal-kategoriji tat-taxxa, l-istruttura tar-rati fl-2023, il-perjodi tranżitorji u l-indiċjar; 3) l-għajnuna mill-Istat u t-trasport; 4) l-industrija, l-agrikoltura, is-sajd u l-unitajiet domestiċi. Abbażi ta' skambji dettaljati fil-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza Franċiża ppreżentat lid-delegazzjonijiet testi ta' kompromess parzjali dwar l-ewwel żewġ blokok.

---

<sup>6</sup> 14574/21.

14. Il-Presidenza Franċiża ppreżentat noti ta' sfond kif ukoll noti tekniċi skont is-suġġett lill-Grupp ta' Ħidma. Hija ċċirkolat dawn in-noti lid-delegati qabel il-laqgħat sabiex tippreżenta l-analiżi tagħha tad-dispożizzjonijiet, tiffaċilita d-diskussjonijiet u tiġbor il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri biex iservu bħala bażi għall-abbozzar ta' kompromess dwar l-ewwel żewġ blokko. L-iskambji ppermettew lid-delegazzjonijiet jifhmu aħjar id-dispożizzjonijiet tal-proposta u kif din ser taħdem fil-prattika. Sar ukoll progress tanġibbli fil-fehim tal-kwistjonijiet involuti fil-proposta, b'mod partikolari fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti taxxabli, l-artikolazzjoni ma' regoli tas-sisa orizzontali (id-Direttiva tal-Kunsill 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019), il-kontenut tal-kategoriji tat-taxxa ta' prodotti u l-aġġornament tiegħu, il-konsegwenzi prattiċi tal-approċċ ibbażat fuq il-kontenut ta' enerġija, b'mod partikolari rigward it-tassazzjoni ta' prodotti mħallta, il-kamp ta' applikazzjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni u l-indiċjar tar-rati minimi. Il-Presidenza Franċiża fittxet li tiżgura aktar konsistenza, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjonijiet u l-limiti, mad-direttivi l-oħra relatati mal-enerġija, b'mod partikolari d-Direttivi li ġejjin li bħalissa qed jiġu riveduti: id-Direttiva 2018/2001 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u d-Direttiva 2012/27 tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija. Ir-rabta bejn id-Direttiva u r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat ukoll ġiet diskussa aktar fil-fond mas-servizzi tal-Kummissjoni.
15. Abbażi tad-diskussjonijiet li saru s'issa dwar il-proposta tal-ETD, il-Presidenza Franċiża tqis li, filwaqt li l-objettivi tal-proposta tal-ETD mhumiex ikkontestati, l-Istati Membri jagħtu importanza lill-preservazzjoni tal-kompetittività tal-UE u lill-eżami tal-effetti tal-ETD futura fuq l-unitajiet domestiċi, fuq ċerti setturi ta' attività u fuq l-ekonomija kollha kemm hi.
16. Il-Presidenza Franċiża tilqa' l-interess espress mill-Istati Membri fl-approfondiment tad-diskussjoni dwar din il-proposta u tqis li, minħabba l-komplessità tal-proposta, ser ikunu meħtieġa aktar diskussjonijiet tekniċi fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa, filwaqt li d-delegazzjonijiet għandhom jaħdmu fuq soluzzjonijiet ta' kompromess possibbli dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet.

17. Għal dan il-għan, ikun siewi li jiġu żviluppati aktar l-aspetti li ġejjin:
- (a) id-delimitazzjoni tal-kategoriji fiskali u l-livelli minimi ta' tassazzjoni, inkluż il-possibbiltà li jiġi applikat reġim ta' deroga għal ċerti prodotti (bħall-gass u l-LPG);
  - (b) l-implimentazzjoni ta' regoli ġodda dwar il-klassifikazzjoni bejn il-kategoriji ta' prodotti u "livelli ugwali ta' tassazzjoni" fl-istess kategorija ta' prodotti, inkluż it-tneħħija proposta tal-possibbiltà li ssir distinzjoni bejn ir-rata tat-taxxa fuq il-gaġoġl għall-użu kummerċjali fit-trasport bit-triq;
  - c) ir-ritmu tal-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda u tat-tneħħija tal-eżenzjonijiet għas-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu, inkluż is-sajd, u r-rati minimi applikabbli għal dawn is-setturi;
  - d) it-trattament ta' prodotti mħallta, b'mod partikolari l-kejl tal-kontenut ta' enerġija tagħhom;
  - e) l-interazzjoni bejn ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat (b'mod partikolari r-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa li bħalissa qed jiġi rivedut) u l-ETD futura;
  - f) ir-rabtiet mal-fajls l-oħra tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", b'mod partikolari d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, b'mod partikolari bħala referenza għall-identifikazzjoni tal-prodotti tal-enerġija fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ETD;
  - (g) il-firxa tal-inklużjoni ta' prodotti ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.
18. Il-Presidenza tinnotta li l-Istati Membri huma determinati li jkomplu l-ħidma fuq il-baġi tal-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, f'dan l-istadju, għadu kmieni wisq biex isiru rimarki definittivi dwar il-kontenut ta' ftehim ta' kompromess possibbli bil-ħsieb ta' approċċ ġenerali tal-Kunsill dwar dan il-fajl leġiżlattiv.
19. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Jannar 2022<sup>7</sup> u l-Kumitat tar-Reġjuni fis-27 ta' April 2022<sup>8</sup>. L-opinjoni tal-Parlament Ewropew għadha pendenti.

---

<sup>7</sup> 5615/22.

<sup>8</sup> <https://webapi2016.COR.europa.eu/v1/documents/cor-2021-04801-00-00-ac-tra-mt.docx/content>

### III. KONKLUŻJONI

20. F'dan il-kuntest, il-Presidenza Franċiża tistieden lill-Kunsill jieħu nota ta' dan ir-rapport, bil-ħsieb li jagħmel aktar progress dwar dan il-fajl u jibni fuq il-progress li sar s'issa.
-